MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## GRIMA EDWINA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1499/2002

***Middle Sea Insurance plc***

***vs***

***Anthony Zammit***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u sebgha liri Maltin u hames centezmi (Lm307.05c) rappresentanti somma li s-socjeta' attrici hallset, kif kienet obbligata taghmel ghan-nom tal-konvenut ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u dana ai termini tas-sentenza tat-Tribunal Ghal Talbiet iz-Zghar numru 1337/01AE moghtija fil-31 ta' Jannar 2002, stante li l-konvenut naqas milli javza lis-socjeta' attrici b'avviz ta' procediment legali li saru kontrieh kif kien obbligat jaghmel ai termini ta' klawsola numru 5 tal-Kundizzjonijiet Generali tal-Polza ta' Assigurazzjoni.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-konsult (Lm5.75) u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Neville Camilleri ghan-nom tas-socjeta' attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz jirrapprezenta d-danni mhallsa mill-istess socjeta' attrici favur il-konvenut assikurat mall-istess socjeta' u dana ai termini ndikati fl-istess avviz u li minkejja kull interpellazzjoni l-konvenut baqa' ma hallasx l-ammont dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u sebgha liri Maltin u hames centezmi (Lm307.05c), bl-imghax legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**